I

~~Titfi n-nar li f'qalbna trabba~~
~~Biss il-mewt li kollox tħoll.~~

~~II~~

~~Bonosira, bonosira,~~
~~Ħobbni dejjem u aħseb fija:~~
~~Jiena bik il-lejla noħlom~~
~~W int il-lejla toħlom bija.~~

## QRONFLA LIL LWIŻA

Dil-qronfla tiftaħ
Qgħadt jien nistenna,
Qronfla mill-isbaħ,
Fwieħa tal-ġenna:—

Fetħet u qtajtha
Għalik, o Lwiża,
F'idejk tkun isbaħ
U ssir għażiża.

Ma l-għala f'wiċċek
Xegħlu l-wardiet?......
Għala l-mistħija
Fuqek irtmiet?......

Din il-mistħija
Fuqek għalfejn?
Li tieħu qronfla
Ma fiha xejn.

Mal-lewn imbierek
Li hekk igħinek,
Mal-ward ta' wiċċek
Li hekk iżejnek,

Dil-qronfla, o Lwiża,
Wisq tajjeb tmur;
Il-ward, il-qronfol
Fik jiġi jżur.

Ħudha, o sabiħa,
Ħudha mn'idejja!...
(Bil-ferħ idemmgħu
Sejrin għajnejja).

Kemm saret isbaħ
Minn xħin hi f'idek!
Ma kieku f'ħobbok
Tqegħidha rridek

Il-għaliex f'ħobbok
Toqgħod aħjar:
Ma l-għala rġajtli
Mill-lewn in-nar?......

O Lwiża, Lwiża,
Għali nħoss fija
Għaliex quddiemi
Int hekk mistħija.

Ma dmiri nagħmel
L'int ma tibqax
Biex lilek iżjed
Hekk ma narax.

U biex ma tistħi
Jien indarrik,
Jew ward jew qronfol
Kulljum natik.

## ~~WARDA LIL LWIŻA~~

~~Tgħidlix lè milli nitolbok,~~
~~Jekk x'imħabba tħoss għalija:~~
~~Nitolbok mn'idejja tiegħu~~
~~Warda tfuħ, warda Maltija.~~

~~Mhux għaliex warda fi ġmielek~~
~~Tista' żżidlek, o Lwiżina;~~
~~Ġmielek kbir li xejn ma jonqsu,~~
~~Imma warda dejjem żina.~~

~~Kienet Venere s-sabiħa~~
~~Dejjem tiġbor l-isbaħ ward.~~
~~Kemm-il darba bih imżejna~~
~~Il-bnedmin lemħuha fl-art.~~